MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-26 ta' April, 2010

Numru. 762/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Michael Calleja**

Kumpilazzjoni Nru: 762/2007

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Micheal Calleja ta' 38 sena, bin Alfred u Salvina nee' Spiteri, imwieled il-Pieta', fil-15 ta' Jannar, 1969 u joqghod fil-fond numru 6, Alexander Lane, Bormla, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 53069(M).

Akkuzat talli:

A. Talli nhar is-26 ta’ Lulju, 2007, ghal habta tad-9:00 ta’ filghaxija, filwaqt li kien xoghol gewwa St.Joseph Ward (Sala 22) ta’ l-isptar San Vincenz De Paule, bhala impjegat pubbliku jew bhala persuna ohra li kienet qieghda tagixxi f’kapacita’ ufficjali, xjentement infligga fuq il-persuna anzjana ta’ Giovanna sive Jane Dimech ugiegh jew tbatija gravi sew fizika u sew mentali u dana bi ksur ta’ l-artikolu 139A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
B. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bhala impjegat pubbliku jew bhala persuna ohra li qieghda tagixxi f’kapacita ufficjali, ghamel reat li kellu jissorvelja li ma jsirx jew minhabba l-kariga tieghu kien fid-dmir tieghu li jimpedixxi milli jsiru tali reati u dana bi ksur ta l-artikolu 141 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
C. Akkuzat ukoll talli, fid-26 ta’ Lulju, 2007, ghal habta tad-9:00am ta’ filghaxija, filwaqt li kien xoghol gewwa St.Joseph Ward (Sala 22) ta’ l-isptar San Vincenz De Paule, volontarjament ikkawza griehi ta’ natura hafifa, skond kif iccertifikat minn Dr.Edward Bellia M.D., fuq il-persuna tal-pazjent anzjana Giovanna sive Jane Dimech, liema persuna ghandha iktar minn sittin sena u liema persuna tbati minn mard tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba tali marda ma tistax tiddefendi ruhha sew u dana bi ksur ta’ l-artikolu 221 u 222A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
D. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, dejjaq, ta fastidju, jew iddiehek b’nies xjuh, maghtubin, miflugin jew immankati u dana bi ksur ta’ l-artikolu 339(1)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tapplika ukoll l-artikolu 383, 384, u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ din il-persuna hawn fuq indikata.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni fil-konfront ta’ Jane Dimech ai termini ta’ l-artikoli 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kemm waqt il-mori tal-kawza, kif ukoll f’kaz ta’ htija ma’ kull piena li din l-Onorabbli Qorti dehrilha xieraq.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mall-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub f'l-artikoli:

a) 139A(b)(c)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) 141, 221(1) u 222A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) 141 u 339(1)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) 382A, 382, 384 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma relattivament semplici u jirrizultaw ampjament.

Illi fil-26 ta' Lulju 2007, Jane Dimech, mara ta' tmienja u disghin sena, kienet rikoverata f'l-Isptar San Vincenz de Paule. Dak in-nhar fil-ghaxija hija kellha diverbju ma' nursing aid Michael Calleja, cioe l-imputat. Dan inqala ghaliex x'hin l-imputat kien qed iqassam it-te Dimech pretendiet li kellu jaghtiha Clinutren Iso (food supplement li f'dan l-isptar tinghata lill-pazjenti li ma jkunux kielu); peress li Dimech kienet kielet l-imputat ma ridtx jaghtiha din is-sustanza. F'xi hin waqt dan id-diverbju Dimech ghaddiet kumment lill-imputat (li huwa separat) fis-sens li martu kellha ragun titielqu. Dimech kompliet tirrakkonta li meta l-imputat sema' dan id-diskors resaq lejha u ta' daqqa ta' ponn fuq wiccha. L-imputat min-naha l-ohra

jghid li apparti dan il-kliem Dimech anke qaltu kliem iehor[1] pero hu injorah, x'hin kien hiereg mill-kamra sema' lil Dimceh tghajjat u zzomm ghajnejha, mar jara x'garalha u dak il-hin qalet li kien ta' daqqa ta' ponn. Hu mill-ewwel irrapporta l-incident lin-nurse on duty fil-ward, Rita Carachi, li dak il-hin kienet f'kamra ohra qed taghti treatement lil xi pazjenti. Minn hemm saru rapporti ohra lill-awtoritajiet ta' l-Ipstar, sar stharrieg intern u eventwalment sar rapport lill-pulizija mill-awtoritajiet ta' l-Isptar liema rapport wassal ghall-proceduri odjerni.

Illi minn ezami tax-xhieda jirrizulta li fil-kamra ta' Jane Dimech kien hemm tlett pazjenti ohra, it-tlieta bed-ridden li ma seta' kellhom l-ebda kuntatt fiziku ma' Dimech. Fil-hin ta' l-incident; l-unika persuna ohra li kien fil-kamra kien l-imputat.

Illi n-nursing aid li kien shift ezatti qabel l-imputat xehed u qal li meta spicca mis-shift Dimech ma kellha xejn. Lanqas l-imputat, li rrilaxxja stqarrija u anke xehed fil-kors ta' dawn il-proceduri, ma' allega li f'xi hin qabel l-incident innota xi hmura jew tbengiel fuq wicc Dimech. Min-naha l-ohra l-persuni kollha li b'xi mod kellhom kuntatt ma' Dimech anke immedjatament wara l-incident u li xehdu f'dawn il-proceduri qalu li hija kellha sinjali f'wicca; (hlif ghal tnejn) kollha iddeskrivew hmura u/jew tbengiela taht ghajnejha. B'mod partikolari it-tabib li nvistaha qal li hija kellha tbengiela li zgur kienet ikkawzata minn pressure u li kienet kompatibbli ma daqqa ta' ponn. Konsegwentement bil-fors gara xi haga biex x'hin l-imputat kien qieghed fil-kamra taghha Jane Dimech spiccat b'tengiela fuq wiccha.

Illi xhieda ta' x'gara ezattament fil-hin ta' l-incident ma kien hemm hadd minbarra Jane Dimech u l-imputat ghaliex it-tlett pazjenti l-ohra li kien hemm fil-kamra mhux fi stat mentali li jixhdu. Kif jidher minn dak suespost Dimech u l-imputat jaqblu fil-bicca l-kbira tar-rakkont rispettiv taghhom, anke fid-diskors li sar bejnithom[2]. Hemm kunflitt pero ghaliex fil-waqt li l-imputat jghid li kien biss battibekk

[1] Inkluz "nirrak jaqbdek cancer".
[2] Ghalkemm l-imputat jallega li Dimech qalet aktar kliem fil-konfornt tieghu minbarra dak li  ammettiet hi

verbali bejnithom, Dimech tghid li l-imputat taha daqqa ta' ponn ukoll.

Illi ta min wiehed jirrileva li Dimech tat il-verzjoni taghha diversi drabi u fi granet differenti. Tat il-verzjoni taghha immedjatament wara l-incident u fil-granet sussegwenti lil diversi impjegati u ufficjali ta'l-Isptar San Vincenz de Paule; tat il-verzjoni taghha lis-surgent tal-pulizija fil-31 ta' Lulju 2007 u eventwalment anke lill-Ispettur Borg; f'l-ahhar, wara certu zmien u cioe f'Ottubru 2007, tat il-verzjoni taghha lil din il-Qorti. Huwa fattur ferm relevanti li f'kull okkazzjoni Dimech tat l-istess verzjoni ta' fatti u baqghet konsistenti fid-dettalji kollha tar-rakkont taghha. Huwa relevanti ukoll li Jane Dimech minkejja l-eta taghha u l-problemi fizici li ghandha, hija persuna koerenti u cara f'dak li tghid. Dan mhux biss gie konstatat mill-Qorti meta hadet id-depozizzjoni ta' Dimech u anke sarilha l-kontroezami imma anke gie konfermat mill-persuni kollha li xehdu f'dawn il-proceduri inkluz l-imputat innifsu li f'l-isqarrija tieghu meta gie mistoqsi jikkonferma li Dimech ghandha tmienja u disghin sena irrispondha billi qal "*nghid li hekk hu u f'sensiha hafna*" .

Illi l-imputat ta' l-verzjoni tieghu darbtejn: meta rilaxxja l-istqarrija fit-13 ta' Awissu 2007 u meta ddepona quddiem din il-Qorti. Ma jirrizultax mid-depozizzjoni taghom li huwa ta l-verzjoni tieghu ta' fatti lil xi hadd mill-impjegati jew ufficjali ta'l-Isptar (minbarra Rita Carachi). Fir-rakkont ta'l-imputat pero hemm xi inkonsistenzi u inezattezzi li jimpingu fuq il-kredibilita tieghu. Hu jghid li dak li talbietu Dimech, Clinutren Iso, kienu pilolli li jistghu jinghataw fuq ordni tat-tabib biss; dan biex huwa jiggustifika d-decizzjoni tieghu li ma jaghtix dan il-prodott lil Dimech. Jirrizulta pero li dan il-Clinutren Iso huwa food supplement u li fi kliem Rita Carachi "qiesu milkshake"; ma jidhirx li jehtieg ordni tat-tabib biex jinghata tant li l-istess Rita Carachi malli saret taf dwar xiex kien inqala l-argument bejn l-imputat u Dimech u marret biex tara lil Dimech taghtha minn dan il-prodott Clinutren Iso.

Illi in oltre l-imputat jallega li l-hmura u tbengiela li rrizulta li kellha Dimech kienu gew kkawzati minnha stess bil-

facecloth; f'l-istqarrija l-imputat jghid li dan qalietu Dimech stess lis-security officer Charles Said, fil-waqt li fid-depozizzjoni tieghu pero jghid li dan id-diskors Dimech qalietu lit-tabib. In sostenn ta' din l-allegazzjoni tieghu l-imputat ressaq bhala xhud li Josphine Caruana; anke x-xhud Jeffrey Borg jaghmel referenza ghall-fatt li l-griehi li kellha Dimech kienu kkawzati minn facecloth.

Illi f'dan ir-rigward ghandu jigi rilevat li l-ewwel fattur li jiskredieta lill-imputat huwa dak li jirrizulta mid-depozizzjoni tat-tabib u cioe li l-griehi li huwa ra kienu rizultat ta' pressure u li huma kompatibbli ma daqqa ta' ponn. In oltre la Charles Said u lanqas it-tabib fir-rakkont taghhom ta' dak li qaltilhom Dimech ma jaghmlu xi referenza ghal xi facecloth; huma jghidu biss li Dimech qalet li qalet daqqa ta' ponn. In oltre l-kredibilita taz-zewg xhieda Josephine Caruana u Jeffrey Borg hija dubbjuza ghall-ahhar; dawn jiddeskrievu tbengiela ta' 2cm x 1cm bhala girfa u gidma ta' nemusa rispettivament.

Illi tenut kont tas-suespost, tenut kont tal-provi kollha prodotti inkluz dawk indizjarji, il-Qorti m'ghandha l-ebda ezitazzjoni li taghti kredibilita lill-verzjoni mghotija minn Jane Dimech.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonjiet migjuba kontra l-imputat ai termini tan-nota ghar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali huma tlieta:

a) li kkawza ugieh jew tbatija gravi, fizika sew mentali sabiex jikkastiga lil dik il-persuna, sa biex ibezza' lil dik il-persuna jew iggieghel lil dik il-persuna taghmel, jew li tonqos li taghmel xi att, jew biex jiddiskrimina kontra taghha;

b) li kkawza ferita ta' natura hafifa fuq persuna li tkun ghalqet l-età ta' sittin sena jew fuq persuna li tkun tbati minn marda tal-gisem jew tal-mohh fi grad li minhabba fiha ma tkunx tista' tiddefendi ruhha sew; u

c) li ta fastidju jew dejjaq persuna anzjana.

L-ahhar zewg imputazzjonijiet b'l-aggravju li saru minn persuna, li fil-vesti taghha ta' impjegat pubbliku, kienet fid-dover li tissorvelja li dawn ir-reati ma jsirux.

Illi dwar l-ewwel imputazzjoni u tenut kont tal-fatti kif sintetizzati aktar 'l fuq fil-fehma tal-Qorti ma jirrizultax pruvati la l-elementi kostituttivi rikjesti biex jissussistu r-reati kontemplati f'l-artikolu 139A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u lanqas l-element intenzjonali da parti ta'l-imputat.

Illi fis-sottomissjonijiet taghha d-difieza allegat li l-imputat tressaq ab inizio quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u konsegwentement fil-konfront tat-tieni imputazzjoni li tirreferi ghall-offieza hafifa kienet rikjesta l-kwerela tal-parti offieza li ma saritx prova taghha; id-difieza qed tibbaza l-allegazzjoni taghha li l-imputat tressaq ab inizio quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali minhabba li fic-citazzjoni fil-parti finali taghha hemm indikat li l-imputat kellu jidher quddiem dik il-Qorti.

Illi f'dan ir-rigward jibda biex jinghad li, kif irriteniet l-Qorti ta' l-Appell Kriminali diversi drabi, ic-citazzjoni, purche jkun fiha d-dettalji kollha elenkati f'l-artikolu 360(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, hija sempliciment avviso di comparire intieza biex taghti lil persuna imputata idea cara ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi ghandu jinghad ukoll li hija l-procedura segwieta li tiddetermina f'liema vesti tkun qed tisma l-kawza l-Qorti tal-Magistrati u cioe jekk bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew bhal Qorti Struttorja. Mill-procedura segwieta jirrizulta ampjament li l-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Struttorja.

Illi la darba l-kaz beda jinstema bhala kumpilazzjoni minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja japplika dak predispost f'l-artikolu 390(5) ta' l-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx, u l-Qorti *ex officio* ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-Ligi. La darba l-imputat ma talabx

prova tal-kwerela u lanqas m'ghamlet dan il-Qorti tezisti l-prezunzjoni li l-kwerela saret skond il-Ligi.

Illi fi kwalunkwe kaz anke kieku l-Qorti kellha taccetta it-tezi tad-difieza li l-kaz beda mill-ewwel quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (tezi li ma gietx accettata) xorta japplika l-proviso ta' l-artikolu 373 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe meta r-reat, li ghalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa hlief bi kwerela ta' l-offiz, ikun sar flimkien ma' reat iehor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda wahda minn dawn ic-cirkostanzi, l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Esekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat.

Illi mill-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-fatti kif fuq esposti l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li l-incident sehh kif iddeskriviet Jane Dimech u li l-imputat li tah daqqa f'wiccha u kkawzahla l-griehi li iddeskriva Dr Edward Bellia. Ghalhekk jirrizultaw ampjament pruvati l-imputazzjonijiet addebietati lill-imputat fil-paragrafi (b) u (c) tan-nota tar-Rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. L-aktar fattur importanti bla dubbju huwa r-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. L-imputat huwa nursing aid f'l-Isptar San Vincenz de Paule, sptar li fih jigu rikoverati persuni anzjani u li huma f'l-aktar stadju vulnerabbli ta' hajjiethom ghaliex jiddipendi interament fuq terzi persuni ghall-bzonnijiet taghhom. Jane Dimech kellha tmienja u disghin sena meta sehh l-incident in kwistjoni; hi wkoll kienet rikoverata f'dan l-isptar u kienet tiddependi kwazi interament fuq l-istaff ghall-bzonnijiet kollha taghha.

Illi fil-kors tal-proceduri l-imputat provi jimpingi lil Jane Dimech bhala persuna esigenti, li ma tapprezzax dak li jsir maghha u li taqla hafna inkwiet. Pero dak li hu in ezami

mhux il-karattru ta' Jane Dimech imma l-agir ta' persuna li hija fdata bil-kura ta' dawk l-anzjani l-aktar vulnerabbli tas-socjeta taghna. Il-Qorti hija konsapevoli li x-xoghol ma l-anzjani jirrikjedi pacenzja u ma teskludiex li xi anzjani huma esigenti hafna. Pero assolutament xejn ma jista' jiggustifka l-uza ta' vjolenza partikolarment fuq l-anzjani.

Illi l-piena stabbilita ghall-griehi hfif hija dik ta' multa jew prigunerija ghal perjodu massimu ta' tlett xhur. B'applikazzjoni ta'l-artikolu 222A(1) il-piena ghandha tizdied bi grad jew tnejn u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 141 l-piena ghandha tizdied bi grad. Ghalhekk il-piena stabbilita ghandha bil-fors tizdied b'zewg gradi u fid-diskrezzjoni tal-Qorti tista' tizdied bi tlett gradi.

Illi meta l-piena ta' multa tizdied b'zewg gradi ssir piena ta' prigunerija, ghalhekk fil-kaz in ezami l-unika piena possibbli in vista tat-tlugh fil-gradi hija dik ta' prigunerija. In oltre l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz in ezami, hija tal-fehma li l-piena ghandha tizdied bi tlett gradi u li ghandha tkun aktar vicin tal-massimu milli tal-minimu. Il-Qorti mhiex ser timponi l-massimu minhabba li hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta'l-imputat li minnha ma jirrizultax li huwa qatt kien ikkundannat ghal reati simili jew reati ta' certa gravita.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel imputazzjoni u cioe dik indikata fil-paragrafu (a) tan-nota tar-rinviju ghal-gudizzju ta'l-Avukat Generali u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 141, 221(1), 222A(1) u 339(1)(n) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah disa' xhur prigunerija.

In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 383A u 412C u biex tipprotegi lil Jane Dimech qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta' trazzin ghal perjodu ta' tlett snin b'mod li l-imputat huwa projbit milli javvicina lil, jikkuntattja jew b'xi mod iehor jikkomunika ma', u/jew b'kwalunkwe mod jimmolesta jew idejjaq lil Jane Dimech.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------